

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1029/2014****tas-26 ta' Settembru 2014****li jemenda r-Regolament (UE) Nru 73/2010 li jistipula r-reqwiziti dwar il-kwalità tad-dejta ajrunawtika u l-informazzjoni ajrunawtika għall-Ajru Uniku Ewropew****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 552/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 dwar l-interoperabilità tax-Xibka Ewropea ta' Amministrazzjoni ta' Traffiku tal-Ajru (ir-Regolament ta' interoperabilità<sup>(1)</sup>), u b'mod partikolari l-Artikolu 3(5) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Artikoli 3(13), 7(5) u 10(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 73/2010<sup>(2)</sup> jirreferu għar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2096/2005<sup>(3)</sup>, li ġie rrevokat mir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1035/2011<sup>(4)</sup>. Ir-referenzi għar-Regolament (KE) Nru 2096/2005 fir-Regolament (UE) Nru 73/2010 għandhom għalhekk jiġu aġġornati biex jirreferu għar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1035/2011.
- (2) L-Anness III tar-Regolament (UE) Nru 73/2010 jirreferi għall-istandards stabbiliti mill-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni (ISO). Madankollu, minn mindu ġie adottat ir-Regolament (UE) Nru 73/2010, l-ISO rrevediet u nnumerat mill-ġdid xi wħud minn dawn l-istandards. Ir-referenzi fir-Regolament (UE) Nru 73/2010 għall-istandards rilevanti tal-ISO għandhom għalhekk jiġu aġġornati biex tiġi żgurata l-koerenza mal-aħħar numerazzjoni u edizzjoni ta' dawn l-istandards.
- (3) L-Annessi I, III u XI tar-Regolament (UE) Nru 73/2010 jirreferu għal diversi definizzjonijiet u dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Anness 15 tal-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (il-Konvenzjoni ta' Chicago), u b'mod aktar speċifiku, it-Tnax-il Edizzjoni tiegħu ta' Lulju 2004, li tinkorpora l-Emenda Nru 34. Minn mindu ġie adottat ir-Regolament (UE) Nru 73/2010, l-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO) emendat għadd ta' definizzjonijiet u dispożizzjonijiet u xi ftit mill-istruttura tal-Anness 15 tal-Konvenzjoni ta' Chicago, dan l-aħħar, fl-Erbatax-il Edizzjoni tagħha ta' Lulju 2013, li tinkorpora l-Emenda Nru 37. Għaldaqstant, ir-referenzi fir-Regolament (UE) Nru 73/2010 tal-Anness 15 tal-Konvenzjoni ta' Chicago għandhom jiġu aġġornati sabiex jis-sodisfaw l-obbligi ġuridiċi internazzjonali tal-Istati Membri u jiżguraw li jkun hemm konsistenza mal-qafas regolatorju internazzjonali tal-ICAO pprovdut.
- (4) Ir-Regolament (UE) Nru 73/2010 għandu jiġi emendat skont dan.
- (5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat dwar l-Ajru Uniku li ġie stabbilit bl-Artikolu 5 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 549/2004<sup>(5)</sup>,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (UE) Nru 73/2010 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 3 huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (7) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(7) ‘pakkett ta’ informazzjoni ajrunawtika integrat’ (minn hawn ‘il quddiem imsejjaħ IAIP) tfisser pakkett ta’ dokumenti jew mezzi elettroniċi, li jikkonsisti mill-elementi li ġejjin:

(a) pubblikazzjonijiet ta' informazzjoni ajrunawtika (minn hawn 'il quddiem imsejħa AIP), inklużi l-emendi;

<sup>(1)</sup> ĠUL 96, 31.3.2004, p. 26.<sup>(2)</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 73/2010 tas-26 ta' Jannar 2010 li jistipula r-reqwiziti dwar il-kwalità tad-dejta ajrunawtika u l-informazzjoni ajrunawtika għall-Ajru Uniku Ewropew (ĠUL 23, 27.1.2010, p. 6).<sup>(3)</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2096/2005 tal-20 ta' Diċembru 2005 li jstabbilixxi rekwiżiti komuni għall-forniment ta' servizzi ta' navigazzjoni bl-ajru (ĠUL 335, 21.12.2005, p. 13).<sup>(4)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1035/2011 tas-17 ta' Ottubru 2011 li jstabbilixxi rekwiżiti komuni għall-forniment ta' servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 482/2008 u (UE) Nru 691/2010 (ĠUL 271, 18.10.2011, p. 23).<sup>(5)</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 li jippreskrivi l-qafas għall-ħolqien tal-Ajru Uniku Ewropew (ir-Regolament qafas) (ĠUL 96, 31.3.2004, p. 1).

- (b) supplimenti għall-AIP;
  - (c) in-NOTAM kif definit fil-punt (17) u bullettini ta' informazzjoni ta' qabel it-titjira;
  - (d) ċirkolari ta' informazzjoni ajrunawtika; u
  - (e) listi ta' verifika u listi ta' NOTAMs validi;"
- (b) il-punt (8) huwa sostitwit b'dan li ġej:
- "(8) 'dejta dwar l-ostakli' tfisser dejta dwar l-oġġetti fissi u mobbli kollha (kemm jekk temporanji kif ukoll permanenti), jew partijiet minnhom, li jinsabu f'żona maħsuba għall-moviment ta' inġenji tal-ajru fuq l-art jew li jestendu lil hinn minn superfiċje definita maħsuba biex tipproteġi l-inġenji tal-ajru waqt li qed itiru jew li jinsabu barra minn dawk is-superfiċji definiti u li ġew invaluatati li huma ta' periklu għan-navigazzjoni bl-ajru;"
- (c) il-punt (10) huwa sostitwit b'dan li ġej:
- "(10) 'dejta għall-immappjar tal-ajrudromi' tfisser id-dejta miġbura għall-fini ta' ġbir tal-informazzjoni għall-immappjar tal-ajrudromi;"
- (d) il-punt (13) huwa sostitwit b'dan li ġej:
- "(13) 'fornitur ta' servizz ta' informazzjoni ajrunawtika' tfisser l-organizzazzjoni responsabbli għall-forniment ta' servizz ta' informazzjoni ajrunawtika, iċċertifikata skont ir-rekwiżiti tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1035/2011;"
- (e) il-punt (24) huwa sostitwit b'dan li ġej:
- "(24) dejta kritika' tfisser dejta kif ikklassifikata skont il-punt c) tal-klassifikazzjoni tal-integrità definita fil-Kapitolu 1, it-Taqsima 1.1 tal-Anness 15 tal-Konvenzjoni ta' Chicago dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (minn hawn 'il quddiem il-Konvenzjoni ta' Chicago);"
- (f) il-punt (25) huwa sostitwit b'dan li ġej:
- "(25) 'dejta essenzjali' tfisser id-dejta kif ikklassifikata skont il-punt b) tal-klassifikazzjoni tal-integrità definita fil-Kapitolu 1, it-Taqsima 1.1 tal-Anness 15 tal-Konvenzjoni ta' Chicago;"
- (2) Fl-Artikolu 7, il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:
- "5. Mingħajr preġudizzju għar-Regolament ta' Implimentazzjoni (KE) Nru 1035/2011, il-partijiet imsemmija fl-Artikolu 2(2) għandhom jiżguraw li l-persunal tagħhom responsabbli għall-kompiti fil-forniment ta' dejta ajrunawtika jew ta' informazzjoni ajrunawtika huwa mħarreġ b'mod adegwat, u li jkun kompetenti u awtorizzat għall-impjieg li jrid jiżvolġi."
- (3) Fl-Artikolu 10, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:
- "1. Mingħajr preġudizzju għar-Regolament ta' Implimentazzjoni (KE) Nru 1035/2011, il-partijiet imsemmija fl-Artikolu 2(2) għandhom jimplimentaw u jżommu sistema ta' ġestjoni tal-kwalità li tkopri l-attivitajiet tagħhom relatati mal-forniment ta' dejta ajrunawtika u ta' informazzjoni ajrunawtika, b'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness VII, il-Parti A."
- (4) L-Anness I huwa emendat skont l-Anness I ta' dan ir-Regolament.
- (5) L-Anness III huwa sostitwit bit-test fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.
- (6) L-Anness XI huwa sostitwit bit-test fl-Anness III ta' dan ir-Regolament.

#### Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Settembru 2014.

Għall-Kummissjoni  
Il-President  
José Manuel BARROSO

## ANNEX I

Fl-Anness I, Parti B, il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(a) tiġi pprovduta diġitalment skont l-istandards tal-ICAO msemmija fil-punti 9, 9a u 12 tal-Anness III;”

—

## ANNEX II

## "ANNEX III

**DISPOŻIZZJONIJIET IMSEMMIJA FL-ARTIKOLI U FL-ANNESI**

1. Kapitolu 3, Taqsima 3.7 (Sistema ta' ġestjoni tal-kwalità) tal-Anness 15 għall-Konvenzjoni ta' Chicago — Servizzi ta' Informazzjoni Ajrunawtika (l-Erbatax-il Edizzjoni — Lulju 2013, li tinkorpora l-Emenda Nru 37).
2. Kapitolu 3, Taqsima 1.2.1 (Sistema ta' referenza orizzontali) tal-Anness 15 għall-Konvenzjoni ta' Chicago — Servizzi ta' Informazzjoni Ajrunawtika (l-Erbatax-il Edizzjoni — Lulju 2013, li tinkorpora l-Emenda Nru 37).
3. Kapitolu 3, Taqsima 1.2.2 (Sistema ta' referenza vertikali) tal-Anness 15 għall-Konvenzjoni ta' Chicago — Servizzi ta' Informazzjoni Ajrunawtika (l-Erbatax-il Edizzjoni — Lulju 2013, li tinkorpora l-Emenda Nru 37).
4. Kapitolu 4 (Pubblikazzjonijiet dwar l-Informazzjoni Ajrunawtika (AIP)) tal-Anness 15 għall-Konvenzjoni ta' Chicago — Servizzi ta' Informazzjoni Ajrunawtika (l-Erbatax-il Edizzjoni — Lulju 2013, li tinkorpora l-Emenda Nru 37).
5. Kapitolu 4, Taqsima 4.3 (Speċifikazzjonijiet għal Emendi tal-AIP) tal-Anness 15 għall-Konvenzjoni ta' Chicago — Servizzi ta' Informazzjoni Ajrunawtika (l-Erbatax-il Edizzjoni — Lulju 2013, li tinkorpora l-Emenda Nru 37).
6. Kapitolu 4, Taqsima 4.4 (Speċifikazzjonijiet għas-Supplimenti tal-AIP) tal-Anness 15 għall-Konvenzjoni ta' Chicago — Servizzi ta' Informazzjoni Ajrunawtika (l-Erbatax-il Edizzjoni — Lulju 2013, li tinkorpora l-Emenda Nru 37).
7. Kapitolu 5 (NOTAM) tal-Anness 15 għall-Konvenzjoni ta' Chicago — Servizzi ta' Informazzjoni Ajrunawtika (l-Erbatax-il Edizzjoni — Lulju 2013, li tinkorpora l-Emenda Nru 37).
8. Kapitolu 6, Taqsima 6.2 (Għoti ta' informazzjoni fil-forma ta' kopja stampata) tal-Anness 15 għall-Konvenzjoni ta' Chicago — Servizzi ta' Informazzjoni Ajrunawtika (l-Erbatax-il Edizzjoni — Lulju 2013, li tinkorpora l-Emenda Nru 37).
9. Kapitolu 10, Taqsima 10.1 (Żoni ta' kopertura u rekwiżiti għall-forniment tad-dejta) tal-Anness 15 għall-Konvenzjoni ta' Chicago — Servizzi ta' Informazzjoni Ajrunawtika (l-Erbatax-il Edizzjoni — Lulju 2013, li tinkorpora l-Emenda Nru 37).
- 9a. Kapitolu 10, Taqsima 10.2 (Sett ta' dejta dwar it-terren — il-kontenut, l-ispeċifikazzjoni numerika u l-istruttura) tal-Anness 15 għall-Konvenzjoni ta' Chicago — Servizzi ta' Informazzjoni Ajrunawtika (l-Erbatax-il Edizzjoni — Lulju 2013, li tinkorpora l-Emenda Nru 37).
10. Appendiċi 1 (Kontenut tal-Pubblikazzjoni ta' Informazzjoni Ajrunawtika (AIP)) tal-Anness 15 għall-Konvenzjoni ta' Chicago — Servizzi ta' Informazzjoni Ajrunawtika (l-Erbatax-il Edizzjoni — Lulju 2013, li tinkorpora l-Emenda Nru 37).
11. Appendiċi 7 (Klassifikazzjoni tal-integrità u r-riżoluzzjoni tal-pubblikazzjoni dwar id-dejta ajrunawtika) tal-Anness 15 għall-Konvenzjoni ta' Chicago — Servizzi ta' Informazzjoni Ajrunawtika (l-Erbatax-il Edizzjoni — Lulju 2013, li tinkorpora l-Emenda Nru 37).
12. Appendiċi 8 (Rekwiżiti tad-dejta dwar terren u ostakli) tal-Anness 15 għall-Konvenzjoni ta' Chicago — Servizzi ta' Informazzjoni Ajrunawtika (l-Erbatax-il Edizzjoni — Lulju 2013, li tinkorpora l-Emenda Nru 37).
13. Speċifikazzjoni tal-Object Management Group Unified Modelling Language (UML), il-Verżjoni 2.1.1.
14. L-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni, ISO 19107:2003 — Informazzjoni Ġeografika — skema Spazjali (l-Ewwel Edizzjoni — 8.5.2003).
15. L-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni, ISO 19115:2003 — Informazzjoni Ġeografika — Metadejta (l-Ewwel Edizzjoni — 8.5.2003 [Corrigendum Cor 1:2006 5.7.2006]).
16. L-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni, ISO 19139:2007 — Informazzjoni Ġeografika — Metadejta — implimentazzjoni tal-iskema XML (l-Ewwel Edizzjoni — 17.4.2007).
17. L-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni, ISO 19118:2011 — Informazzjoni Ġeografika — Kodiċi (it- Edizzjoni — 10.10.2011).

18. L-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni, ISO 19136:2007 — Informazzjoni Ġeografika — Geography Mark-up Language (GML) (l-Ewwel Edizzjoni — 23.8.2007).
19. L-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni, ISO/IEC 19757-3:2006 — Teknoloġija informatika — Document Schema Definition Languages (DSDL) — Parti 3: Validazzjoni bbażata fuq regoli — Schematron (l-Ewwel Edizzjoni — 24.5.2006).
20. Dok ICAO 9674-AN/946 — Sistema Ġeodetika Dinjija — Manwal tal-1984 (It-Tieni Edizzjoni — 2002).
21. Kapitolu 7, Taqsima 7.3.2 (Algoritmu tal-kontroll ċikliku ta' ridondanza (CRC)) tal-ICAO Dok ICAO 9674-AN/946 — Sistema Ġeodetika Dinjija — 1984 (WGS-84) Manwal (it-Tieni Edizzjoni — 2002).
22. L-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni, ISO/IEC 27002:2005 — Teknoloġija informatika — Tekniki ta' sikurezza — Kodiċi ta' Prattika għall-ġestjoni tas-sigurtà tal-informazzjoni (it-Tieni Edizzjoni — 15.6.2005).
23. L-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni, ISO 28000:2007: — Speċifikazzjoni għal sistemi ta' ġestjoni tas-sigurtà għall-katina tal-forniment (l-Ewwel Edizzjoni — 21.9.2007 taħt revizzjoni, li għandha tiġi sostitwita bit-Tieni Edizzjoni sal-31.1.2008 [Fl-istadju ta' inkjesta]).
24. Eurocae ED-99 A, Rekwiżiti tal-Utent għall-Infurmazzjoni għall-Immappjar tal-Ajrudromi (Ottubru 2005).
25. L-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni, ISO 19110:2005 — Informazzjoni Ġeografika — Metodoloġija għall-ikkatalogar tal-karatteristiċi (l-Ewwel Edizzjoni)."

---

ANNEX III

"ANNEX XI

#### DIFFERENZI TAL-ICAO MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 14

Kapitolu 3, Taqsima 3.5.2 (Kontroll ċikliku ta' ridondanza) tal-Anness 15 tal-Konvenzjoni ta' Chicago — Servizzi ta' Informazzjoni Ajrunawtika. (l-Erbatax-il edizzjoni — Lulju 2013, li tinkorpora l-Emenda Nru 37)."

---